**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 10 ta' Mejju, 2016

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor MIcallef)**

**-vs-**

**Joey Camilleri detentur tal-Karta ta' l-Identita` Nru. ID 469977M.**

**Kumpilazzjoni Nru. 247/2009**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Joey Camilleri u ċioè talli:

1. F`dawn il-Gzejjer fl- 14 ta' Diċembru, 2008, għall-ħabta tat-tlieta ta` filgħodu (03:00a.m,) ġewwa Havana/Flashback, sitwat fi Triq San Gorg, San Ġiljan u/jew fil-viċinanzi, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew jqiegħed il-ħajja fil-periklu ċar, ikkaġuna feriti ta' natura gravi fil-gisem ta' Rodrick Camilleri.

2. Irrenda ruħu reċediv b`diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati ta` Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Il-Qorti ġentilment intalbet li minbarra li tinfliġġi l-piena stabbilita mil-Liġi, jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi għas-sigurta ta`Rodrick Camilleri jew sabiex tinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli għar-reat, torbot lil hati b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' flus li tiġi ffisata mill-Qorti.

Rat n-nota ta' rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali tal-24 ta' Lulju, 2015.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat u deciz bi procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Semghet il-provi.

Rat li l-imputat fis-seduta tallum ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u wara li nghata zmien biex jikkunsidra l-posizzjoni tieghu kkonferma l-ammissjoni tieghu.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet sottomissjonijiet dwar il-piena.

Ikkunsidrat-

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant dawn gew sodisfacjentement ippruvati.

Illi meta tigi biex tqies il-piena li ghandha tigi inflitta, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni in-natura tar-reati li jinsab akkuzat bihom, l-fedina penali xejn allarmanti ta' l-imputat u l-fatt illi mid-data ta' dan il-kaz li jirrisali ghas-sena 2008, l-imputat ma jirrizultax li qatt rega' xellef difrejgh mal-gustizzja.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 31, 49, 50, 214, 215, 216(1)(b) tal-Kapitolu IX ta' l-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu izda bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jwettaqx reat iehor fi zmien tlett snin.

Il-Qorti wara li rat Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta, torbot lill-hati b'garanzija personali ta' elfejn Euro (€ 2000) ghal zmien sena millum fil-konfront ta' Rodrick Camilleri.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**